**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 t' April, 2002**

**Numru 9**

**Avviz. numru 1478/01JR**

**Benny Camilleri**

**vs**

**Ian Schembri u b'digriet ta' l-20 ta' Dicembru, 2001, ma' l-isem tal-konvenut zdiedu l-kliem "u Alberta Schembri"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-attrici fis-16 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm795.71) u fejn intqal:**

**Illi kien pattwit bejn l-attur u l-konvenut li l-attur jaghmel xoghol u jiffornixxi materjal in konnessjoni ma' xoghol ta' "plumbing" u "electricity" fid-dar tal-konvenut numru 23 Triq id-Dejqa, Naxxar;**

**Illi l-materjal gie fornit u x-xoghol tlesta mill-attur fid-dar numru 23 Triq id-Dejqa, Naxxar;**

**Illi l-prezz tal-materjal fornut u x-xoghol provdut mill-attur jammonta ghal elf sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1645.71);**

**Illi l-konvenut hallas lill-attur tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00) biss;**

**Ghaldaqstant l-attur jitlob li t-Tribunal jogghbu jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm795.71);**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn gie eccepit:**

**i. illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru stante illi l-mara tal-konvenut mhix parti f'dawn il-proceduri;**

**ii. illi fit-tieni lok il-kawza hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a);**

**iii. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Benny Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza ed issir ghall-hlas ta' xoghol u materjal li l-attur iffornixxa lill-konvenut fil-fond 23 Triq id-Dejqa, Naxar. Ix-xoghol kien ta' ilma u elettriku.**

**2. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar li l-gudizzju mhux integru peress li ma kienetx inkluza fil-kawza mart l-istess konvenut, giet sorvelata billi giet ordnata l-korrezzjoni opportun fir-rigward.**

**3. It-tieni eccezzjoni hija dik ta' preskrizzjoni, ossija li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, ossija li l-azzjoni hi preskritta bl-gheluq ta' tmintax-il xahar.**

**4. L-attur xehed li x-xoghol in kwistjoni kien beda fi Frar, 1998, u spicca fit-30 ta' Awissu, 1999. Skond l-attur kien ghad fadal xi**

xoghol fuq barra li m'ghamlux peress li l-konvenut ma qallux biex jaghmlu. Il-ftehim kien li meta jaghmel il-faccata jerga' jcempillu. Jghid li l-ahhar li ltaqa' mal-konvenut kien fit-30 ta' Awissu, 1999 meta lesta x-xogholijiet.

5. Jirrizulta li l-attur kien thallas tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850.00). Ircevuta tal-VAT fir-rigward iggib id-data tas-26 ta' Gunju, 1999.

6. Il-konvenut sussegwentement baghat invoice lill-konvenut fit-13 ta' Gunju, 2000, u ittra ufficjali fl-10 ta' Settembru, 2001.

7. Minn meta sar il-pagament ta' tmien mija u hamsin lira Maltija, sa meta intbaghtet l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Settembru, 2001, ga kienu ghaddew aktar minn tmintax-il xahar. Ghalhekk meta giet intentata l-azzjoni kien ga ghadda it-terminu preskrittiv.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, u konsegwentement jichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi.

Dr Joseph Refalo
Gudikatur